Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 22/2019

Il-Pulizija

(Supretendent Carmelo Bartolo)

Vs

Joseph Mifsud

Illum 1 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Mifsud detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 428642M, Omissis u Omissis 1, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-28 ta' Mejju, 2001, u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) bhala ufficjali jew ufficjali pubblici, hadu interess privat f'affari li dwarha kienu inkarigati jaghtu ordnijiet, jaghmlu likwidazzjonijiet, arrangamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu u kkagunaw hsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi maghha l-affari jkollha x'taqsam u cioè il-Gvern ta' Malta;
b) u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, dolozament bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioè il-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;
c) u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u ċcrkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bħala ufficjali jew impjegati pubblici, meta kitbu atti, li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizlu pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-pattijiet, kemm billi ddikjaraw bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;
d) u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcji ghalihom innifishom jew ghal ħaddieħor, f'xi dokument mahsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Kif ukoll Joseph Mifsud wahdu qed jigi akkuzat:

e) talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraqhom;
f) talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioè is-somma ta' aktar minn elf lira Maltija (Lm 1,000) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta liema somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu

illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema haga kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba il-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

g) kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

h) u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u crkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li tesigi flus jew hwejjeg oħra bhala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li il-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-Ligi, liema reat sar b'abbuz ta' awtorità;

i) u finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddieħhr xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus, jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalih hu ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati u konsegwentement illiberatu minn kwalunkwe htija u piena.

In vista li jidher li gie elevat hafna aktar deheb minn dak li fuqu saru *cash advancements* mill-Monte di Pieta`, il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 23(3) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ordnat lil Konslu sabiex fi zmien xahar millum jaccerta ruhu definittivament jekk id-deheb u oggetti l-ohra prezzjuzi kollha li dwarhom inhargu l-*pawning tickets* lil

Carmen Balzia u Margaret Borg, ghadux mizmum il-Monte di Pieta` u jekk fl-affermattiv, in vista tax-xhieda mismugha, dan id-deheb ghandux jigi stmat mill-gdid skont kemm kien jiswa fiz-zmien meta gie mirhun sabiex l-imsemmija Balzia u Borg jew eredi taghhom, jinghataw l-opportunità li jifdu l-istess oggetti. Ordnat notifika lill-Konslu għall-Haddiema d-Deheb u l-Haddiema l-Fidda (Argentiera).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ma sabitx lil Joseph Mifsud hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u minflok issibu hati taghhom u tinfliggi l-piena applikabbli skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi dakinhar stess tas-sentenza u cioè fl- 14 ta' Jannar 2019 il-Kummissarju tal-Pulizija intavola nota li kien behsiebu jappella mis-sentenza fl-ismijiet premessi u sussegwentement l-ghada l- 15 ta' Jannar l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu manifestament aggravat b'tali sentenza in kwantu li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li ssarfet fl-applikazzjoni zbaljata tal-ligi sabiex giet biex tiddeciedi l-kaz odjern u dana hekk kif ser jigi spjegat;

Illi, hekk kif appena sueccipit dan l-appell jitratta parti mill-imputazzjonijiet li jikkoncernaw lill-imputat wahdu u b'mod preliminari l-esponent jissottometti li l-kawza odjerna tmur lura ghall- 2006 u bla tlaqliq jinghad li l-mod kif gie trattat dan il-kaz ma jaghmilx gieh ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn harsa lejn l-atti nsibu li meta l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha ghamlet dan b'mod parzjali u halliet barra l-imputazzjonijiet li huma l-mertu ta' dan l-appell fejn sahansitra l-Avukat Generali kien

intavola appell ghall-fatt li ghalkemm l-ewwel Qorti tat sentenza fejn ikkonfermat il-procediment ezawrit fuq kwistjoni ta' preskrizzjoni, l-istess Qorti naqset milli titratta fuq il-kumplament tal-imputazzjonijiet li kienu jikkoncernaw l-appellat u li huma l-mertu ta' dawn il-proceduri b'dana illi nghatat sentenza parzjali. Illi fil-fatt l-appell gie deciz lejn l-ahhar tas-sena 2018, liema decizjoni ma tinsabx f'dawn l-atti.

Illi di piu l-esponent jinsab perpless kif ghalkemm mill-atti ma jidhirx li kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-ko-imputati, jidher li fil-mori tal-proceduri tal-imsemmi appell l-atti processwali ta' din il-kawza xorta wahda baqghu ghand il-Qorti tal-Magistrati, tant illi hemm diversi verbali fejn il-prosekuzzjoni talbet differiment sakemm jigi deciz l-imsemmi appell u hawnhekk l-esponent isaqsi, allura kif tmexxew il-proceduri fl-appell meta l-atti kienu ghadhom ghand il-Qorti tal-Magistrati?

Illi dwar il-mertu ta' dan l-umli appell jinghad li l-ewwel Qorti kkonkludiet, u bir-ragun, li minbarra l-oggetti tad-deheb u fidda u hagar prezzjuz KB/213/2006 li gew elevati mir-residenza tal-appellat kien hemm ukoll hdax-il (11) pawning ticket mahruga fuq Rose Mifsud. Illi l-esponent jishaq li kemm-il darba dawn il-biljetti nstabu fir-residenza tal-appellat u jirrizulta mir-rapport immarkat bhala Dok JM[1] fejn skont il-lista li tifforma parti mill-istess rapport senjatament f'pagna 45 jikkorrispondu mal-hdax-il (11) unredeemed tickets li jirrigwardaw oggetti ta' valur li gew pledged mill-istess Rose Mifsud bin-numru tal-karta tal-identità 635642M fejn irrizulta wkoll li kemm l-oggetti kif ukoll il-biljetti/ ircevuti kienu nieqsa mill-vaults tal-Monte di Pieta. Illi di piu fit-tieni rapport hemm il-konferma li kull haga li giet immarkata nieqsa l-ufficjal inkarigat li jirregistrahom principalment kien hadd hlief l-appellat is-sur Joseph Mifsud.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet accenn li l-prosekuzzjoni naqset milli tkompli tindaga dwar l-identità tal-imsemmija Rose Mifsud u dan sabiex tikkonferma jekk fil-fatt kinitx verament mart l-appellat jew le jew inkella sabiex jigi stabbilit x'konnessjoni kien hemm bejniethom. Illi b'kull dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, l-esponent jishaq li kemm-il

---

[1] Jinsab annett gewwa envelop kannella mwahhal mal-qoxra tal-atti u nnumerat bil-pagni 39 et seq

darba dawn l-imsemmija biljetti ta' rahan instabu fir-residenza tal-appellat, irrispettivament Rose Mifsud x'tigi u ma tigix minnu, jibqa' l-fatt li dawn xorta wahda nstabu ghand l-appellat meta dawn suppost kienu fil-vaults tal-Monte di Pieta konsiderando wkoll li l-oggetti rispettivi kienu nieqsa mill-imsemmija vaults. Illi l-esponent jishaq li dan il-fatt wahdu ergo li l-biljetti kienu jikkorrispondu ghall-oggetti li kienu nieqsa mill-vaults, allura dawn qatt ma setghu jkunu fir-residenza tieghu, irrispettivament lil min jghajtu u dana jikkonferma kemm l-appellat kien b'xi mod involut u abbuza mill-poter moghti lilu tramite l-impjieg u l-kuntatt kif ukoll il-kontroll assolut u dirett li huwa kellu fuq l-oggetti li gew iddepozitati gewwa l-Monte di Pieta, irrispettivament jekk hux bhala l-awtur u/jew il-komplici senjatament fl-ghejbien tal-imsemmija oggetti prezzjuzi kif ukoll tal-biljetti/ ircevuti rispettivi liema *dokumenti* nstabu fir-residenza tieghu u li da parti tieghu ma ressaq l-ebda prova konkreta u plawsibbli ta' kif dawn spiccaw ghandu b'mod legittimu.

Illi fid-dawl tas-suespost issir referenza ghall-artikolu 467(2) li propju jitratta s-sitwazzjoni fejn il-guri, fil-kaz odjern il-Qorti, tista' flok issib lill-akkuzat/ imputat hati bhala awtur, minflok issibu hati bhala komplici. Illi skont il-gurisprudenza nostrana, meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista' ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat, hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Illi dejjem gie ritenut li r-regola msemmija fis-subartikoli (2) tal-artikolu 467 tapplika ghall-Qrati ta' gustizzja kriminali kollha.[2]

Illi minghajr pregudizzju jinghad oltre li fid-decide l-ewwel Qorti hassitha prekluza milli tordna l-konfiska tal-oggetti li gew issekwestrati minghand l-appellat ghax fi kliemha *gie elevat hafna aktar deheb minn dak li fuqu saru cash advancements fil-Monte di Pieta*. Illi minn din l-istqarrija l-Qorti qed tikkonferma li se mai parti mill-oggetti prezzjuzi li gew ipprezentati fl-atti, fil-fatt kienu jirrapprezentaw dak id-deheb li fuqu

---

[2] Vide **Il-Pulizija vs. Emanuel Camilleri et (Appell Kriminali) [23.11.2001]**

saru cash advancements, allura hawnhekk l-esponent isaqsi x’kienet ir-raguni li dan id-deheb ma nghatax lura lill-appellat galadarba ma nstabx hati anzi kkonfermat li dak id-deheb kien sar cash advancements fuqhom? Illi dan ir-ragunament jaghmel sens jew ghandu jigi kkunsidrat bhala unsafe and unsatisfactory? U jekk dan id-deheb ma jappartjenix kollu lilu allura dan ma jfissirx li kien seraq u/jew approprija minnhom?

Illi tenut kont tas-suespost l-esponent jishaq li l-appellat Joseph Mifsud kellu jinstab hati kemm ta’ approprijazzjoni bla jedd kif ukoll ta’ qligh b’qerq skont l-akkuzi u li ghamel uzu hazin ta’ flejjes ghad-dannu tal-Gvern.

Illi qabel ma jghaddi ghat-talba l-esponent jaghmilha cara wkoll li, konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll it-trapass taz-zmien, ergo l-età avvanzata tal-appellat, ma huwiex qed jesigi fuq piena karcerarja izda se mai li tinghata sentenza ta’ htija.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi in segwitu ta' irkant ta' deheb u oggetti prezzjuzi li baqghu l-Monte di Pieta' u cioe' li baqghu mhux mifdija peress li sidhom ma gabrux lura l-oggetti li nghatghu b'rahan u ghalhekk lanqas raddew lura l-ammont li kien misluf fuq dawn l-oggetti, irrizulta li kien hemm numru ta' oggetti li kienu gew *overvalued*;

2. Numru ta' xhieda xehdu dwar li l-imputat kien jaghtihom ammont zejjed ma dak li jkun smat l-oggett u kien hemm xhieda li xehdu dwar kumpens moghti lil-appellat Joseph Mifsud;

3. Fl-investigazzjoni li saret mal-Pulizija, instabu numru ta' pawning tickets u deheb fir-residenza tal-appellat Joseph Mifsud;

4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat;

5. Illi permezz tas-sentenza tal- 5 ta' Dicembru 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iddikjarat '*procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuzi kollha migjuba kontra Joseph Mifsud hlief fil-konfront ta' dawk li jikkoncernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tieghu*.'; (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

6. Illi permezz tas-sentenza appellata tal- 14 ta' Jannar 2019 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qieset li ser '*tikkunsidra l-provi mressqa mil-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat wahdu, u cioe' dawk li jirrigwardaw l-oggetti tad-deheb u pawning tickets li nstabu fir-residenza tieghu*.';

7. Illi l-appellat gie liberat minn kull htija u piena;

8. In segwitu tal-appell intavolat mill-Avukat Generali, id-difiza eccepiet in-nullita ta' dan l-appell;

9. Illi permezz tas-sentenza datata l-14 ta' Mejju 2020, din il-Qorti cahdet l-aggravju tad-difiza dwar in-nullita' tal-appell u ddikjarat li sejra tqis l-imputazzjonijiet bl-ittri (e) sa (i) meta tigi biex tikkunsidra u tiddeciedi l-appell u dan abbazi ta' dak dikjarat mill-Avukat General fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti datata s- 6 ta' Frar 2020;

10. Illi ghalhekk din is-sentenza hija limitata ghall-appell li sar mis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2019 dwar l-imputazzjonijiet bl-ittri (e) sa (i), dan naturalment fil-parametri tal-kontenut tal-aggravji mressqa mill-Avukat Generali.

L-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu preliminarjament issottometta li l-kawza tmur lura ghas-sena 2006 u li l-mod ta' kif gie trattat dan il-kaz ma jaghmilx gieh ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn il-Qorti kienet ppronunzjat ruhha b'mod parzjali u halliet barra l-imputazzjonijiet li huma l-mertu tal-appell fejn l-Avukat Generali kien intavola appell ghal fatt li ghalkemm l-Ewwel Qorti tat sentenza fejn ikkonfermat il-procediment ezawrit fuq kwistjoni ta' preskrizzjoni, naqset milli titratta fuq l-kumplament tal-imputazzjonijiet li kienu jikkoncernaw l-appellat u li huma l-mertu ta' dawn il-proceduri b'dan illi nghatat sentenza parjzali. Jissottometti li l-appell kien gie

deciz fl-ahhar tas-sena 2018. Jissottometti li dik id-decizjoni ma tinstabx fl-atti. Jissottometti li jinsab perpless li ma jidhirx li kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-ko-imputat u li l-atti processwali baqghu ghand il-Qorti tal-Magistrati u jistaqsi kif tmexxew il-proceduri fl-appell meta l-atti kienu ghand il-Qorti tal-Magistrati.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li mir-rikors tal-appell jirrizulta li l-Avukat Generali kien gia appella in segwitu tas-sentenza tal- 5 ta' Dicembru 2012 u fejn jirrizulta skont il-kopja tas-sentenza esebita mill-Avukat Generali stess, liema kopja mhijiex kopja awtentikata u tinsab a fol 1116 et sequitur datata l- 25 ta' Ottubru 2018 li l-Avukat Generali kien ceda l-appell minnu maghmul fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud stante li l-kaz tieghu kien ghadu sub judice. Id-decizjoni tal-appell bin-numru 597/2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Joseph Mifsud Noel Justin sive Noel Bartolo Maria Concetta sive Cettina Spiteri' kienet ghalhekk tikkoncerna l-kwistjoni tal-preskrizzjoni imqajma rigwardanti z-zewg ko-imputati l-ohra. Din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza li tevalwa u tqis il-mod ta' kif tmexxew il-proceduri quddiem Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta ghalhekk mhijiex sejra tikkunsidra oltre dwar din il-kwistjoni preliminari. Dwar fejn kienu jinsabu l-atti meta kien hemm l-appell pendenti ma tistax tikkunsidrah din il-Qorti izda se mai kellha titqajjem quddiem il-Qorti li kellha l-appell quddiemha. In oltre', dan l-appell huwa limitat ghas-sentenza moghtija fl- 14 ta' Jannar 2019 u mhux ukoll dwar is-sentenza datata l- 5 ta' Dicembru, 2012.

L-appellant Avukat Generali hassu manifestament aggravat bis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2019 in kwantu li skontu l-Qorti ghamlet apprezament zbaljat tal-provi li ssarfet fl-applikazzjoni zbaljata tal-ligi sabiex giet biex tiddeciedi l-kaz odjern. Issottometta li dwar il-mertu tal-appell, l-Ewwel Qorti kkonkludiet bir-ragun li minbarra l-oggetti tad-deheb u fidda u hagar prezzjuz KB/213/2006 li gew elevati mir-residenza tal-appellat kien hemm ukoll hdax (11) -il pawning ticket mahruga fuq Rose Mifsud. L-appellant jishaq li kemm-il darba dawn il-biljetti nstabu fir-residenza tal-appellat u jirrizulta mir-rapport immarkat bhala Dok JM fejn skont il-lista li tifforma parti mill-istess rapport senjtament f'pagna 45 jikkorispondu mal-11 unredeemed tickets li jirrigwardaw oggetti

ta' valur li gew pledged mill-istess Rose Mifsud bin-numru tal-karta tal-identita' 635642 M fejn irrizulta wkoll li kemm l-oggetti kif ukoll il-biljetti/ircevuti kienu nieqsa mill-vaults tal-Monte di Pieta'. Jissottometti li fit-tieni rapport hemm konferma li kull haga li giet immarkata nieqsa l-ufficjal inkarigat li jirregistrahom principarjament kien hadd hlief l-appellat is-Sur Joseph Mifsud.

Jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet accenn li l-prosekuzzjoni naqset milli tkompli tindaga dwar l-identita tal-imsemmija Rose Mifsud u dan sabiex tikkonferma jekk filfatt kinitx verament mart l-appellat jew le inkella sabiex jigi stabbilit x'konnessjoni kien hemm bejniethom. Huwa jishaq li la darba dawn l-imsemmija biljetti ta' rahan instabu fir-residenza tal-appellat irrispettivament Rose Mifsud x'tigi u ma tigix minnu, jibqa' l-fatt li dawn xorta wahda nstabu ghand l-appellat meta dawn suppost kienu fil-vaults tal-Monte di Pieta konsiderando wkoll l-oggetti rispettivi kienu nieqsa mill-imsemmija vaults. Il-fatt li l-biljetti kienu jikkorispondu ghall-oggetti li kienu nieqsa mill-vaults allura dawn qatt ma setghu jkunu fir-residenza tieghu rrispettivament lil min jaghjtu u dan qatt ma setghu jkunu fir-residenza tieghu u li dan jikkonferma li kien b'mod involut u abbuza mill-poter moghti lilu tramite l-impjieg u l-kuntatt kif ukoll il-kontroll assolut u dirett li huwa kellu fuq l-oggetti li gew iddepozitati gewwa l-Monte di Pieta. Ghalhekk irrispettivament jekk bhala l-awtur u/jew il-komplici senjatament fl-ghejbien tal-imsemmija oggetti prezzjuzi kif ukoll tal-biljetti/ircevuti rispettivi, liema dokumenti nstabu fir-residenza tieghu u da parti tieghu ma ressaq l-ebda prova konkreta u plawsibbli ta' kif dawn spiccaw ghandu b'mod legittimu. Huwa ghamel referenza ghall-artikolu 467(2) dwar il-komplicita.

L-appellant jissottometti li l-Qorti hassitha prekluza milli tordna l-konfiska tal-oggetti li gew issekwestrati minghand l-appellat ghax fi kliema gie elevat hafna aktar deheb minn dak li fuqu saru cash advancements fil-Monte di Pieta. Jissottometti li minn din l-istqarrija, l-Qorti qed tikkonferma li se mai parti mill-oggetti prezzjuzi li gew prezentati fl-atti filfatt kienu jirraprezentaw dak id-deheb li fuqu saru cash advancements, allura l-appellant isaqsi x'kienet ir-raguni li dan id-deheb ma nghatax lura lill-appellat

gialadarba ma nstabtx hati anzi kkonfermat li dak id-deheb li kien sar cash advancements fuqhom. Jishaq li l-appellat kellu jinstab hati kemm ta' approprijazzjoni bla jedd kif ukoll ta' qligh b'qerq skont l-akkuzi u li ghamel uzu hazin ta' flejjes ghad-dannu tal-Gvern. Din il-Qorti ghalhekk qieghda tqis li l-appell tal-Avukat Generali huwa limitat dwar il-provi rigwardanti l-pawning tickets u d-deheb li instab fir-residenza tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis dan.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat li nghatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu, ma ghandiex aktar valur probatorju. Ghalhekk stante li l-Avukat Generali ma ressaqx aggravju dwar dan, din il-Qorti tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellat Joseph Mifsud bhala inammissibli u ghalhekk mhux provi ammissibli. Dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati fid- 29 ta' Mejju 2001, l- 20 ta' Mejju 2003 u 25 ta' Mejju 2003 esebiti bhala CB3, CB4 u CB5 rispettivament.

Dak iz-zmien **Spettur Carmelo Bartolo** fis-seduta tat- 13 ta' Lulju 2006 fost fatti ohra xehed li '*Ghamilt anke nvestigazzjoni rigward xi deheb illi kellu mirghun huwa, filfatt gbart il-biljetti mid-dar tieghu, il-pawning tickets u d-deheb illi kien hemm mirghun f'dawn il-pawning tickets filfatt kien qieghed ghandu. Qedtlu dan id-deheb kif qieghed ghandek, qedtlu dan mhux suppost qieghed hawn, kien filfatt irrizulta illi gibed xi flus fuq id-deheb tieghu personali u flok id-deheb hallih hemm, inqeda ha nghid hekk bil-funzjoni tieghu peress li kien uniku hemmhekk f'dak l-ifficju, rega' hareg id-deheb minn hemm gew u rega' hadu lejn id-dar, minghajr ovvjament ma radd dawn il-flus. Jien dan id-deheb elevajtu, elevajtu flimkien mal-pawning tickets u filfatt irrizulta illi kien ha fuq dan id-deheb li suppost kien qieghed fil-Monte di Pieta' imma filfatt kien qieghed ghandu, kien ha madwar LM6000.*' Huwa esebixxa materjalment dawn l-oggetti bhala CB.

**Anthony Imbroll**, Direttur Capital Transfer Duty Department fis-seduta tal- 25 ta' Awissu, 2006 fost fatti ohra xehed li '*sibna wkoll numru ta' deheb ta' items li ma kienx qieghed fil-volts li kien qed jidher, hu pacenzja imma Spettur, ahna meta jigi biex jiehu d-deheb*

*he surrenders t-ticket. Issa meta rajna l-kotba fejn jitpoggew dawn it-tickets, sibna li ma kinux qeghdin hemmhekk jigifieri jista' jaralek, suppost id-deheb kien qieghed hemm gew u ma sibtux, dan ukoll'*. Ikkonferma li ma kellux il-pawning ticket taghhom. Meta mistoqsi jekk jirrizultax ta' min hu dan id-deheb li ma kienx hemm fil-volt, wiegeb li '*Jirrizulta, jekk miniex sejjer zball kien hemm hafna minnu ta' Rose Mifsud..*' Xehed li '*unredeemed pawn tickets, precious articles, mhux kollha imma kien hemm diversi pledges minn Rose Mifsud*'. Bin-numru tal-karta tal-identita' 635642(M). Il-persuna u cioe' l-impjegat li avvanza l-flus fuq dan id-deheb, wiehed kien keeper 2 Joseph Mifsud u l-ohrajn keeper 1 u cioe' Noel Bartolo u Concetta Spiteri. Huwa fost dokumenti ohra prezenta rapport intitolat '*Report by Internal Board Investigating the Secuirty on Capital advanced by the Monte, Inland Revenue Department*' datata l-11 ta' Ottubru 2001 immarkat bhala AI 2. Rapport iffirmat minn Louis Sant' Angelo, Margaret Galea u Tanya Falzon Bugeja. Id-dokumenti imsemmija f'dan id-dokument ma humiex annessi ma dan ir-rapport. Izda din il-Qorti qieghda tifhem li rapport komplett jinsab esebit bhala Dok JM.

**Louis Sant Angelo** fis-seduta tas- 7 ta' Marzu 2007 spjega li '*Monti di Pieta' yes ehe, issellef il-flus lil min ikun fil-bzonn jigifieri fis-sens igibilna xi deheb bhala security u nsellfuh il-flus fuqhom, hekk tiffunzjona l-monti, jigifieri wiehed jghidu jirghan id-deheb jigifieri jgib id-deheb tieghu u jiehu l-flus taghhom, pero' hemm iktar minn nofs il-valur tad-djamanti bhala massimu. Pero' bhala policy departimentali kienet terz mill-valur tad-deheb u terz mill-valur tad-djamanti*'. Mistoqsi kif isir il-valur tad-deheb, spjega li prezz mahrug mill-Bank Centrali '*bil-mizien hux hekk u mbaghad il-kalkulazzjoni*'. Dwar djamanti spjega li '*Process ftit iktar ikkumplikat biex tikkalkula d-djamant, ikollok ideja tajba tal-valuri fis-suq, u mbaghad jiddependi anke jekk huwiex genwin l-ewwelnett, trid tara jekk hux vera djamanti, ta' xi kwalita' hu jigifieri jekk hux nadif*'. Jaraw il-piz u l-kwalita'. Xehed li '*waqt li gibna l-board indipendenti, stimatur indipendenti, bdejna nghajjtu wahda wahda dawk li suppost kienu qeghdin hemm, u semplicement ma nstabux, ma kinux qeghdin hemm*'. Ikkonferma li l-lista immarkata dokument E li qieghda kontenut fil-faxxikolu fir-rapport dokument JM hija l-lista tal-oggetti li ma sabux, li suppost kienu hemmhekk. Fit-tieni rapport sabu

ezattament kull haga nieqsa min irceviha. Mistoqsi min kien l-ufficjal responsabbli fuq dawn, wiegeb li '*l-maggoranza taghhom kien Mr John Mifsud jigifieri rajna l-firma tieghu, pero' kien hemm xi hadd iehor ha nkunu qedna kollox.*'

**Louis Sant** Angelo fis-seduta tas- 7 ta' Marzu, 2007 ikkonferma li r-rapport immarkat bhala dokument JM[3] ghamlu hu u tnejn ohra. **Louis Sant' Angelo** riprodott fit- 12 ta' April, 2007 ghamel referenza ghal dokument E inserit f'dokument 'MB'[4] fejn spjega li l-lista turi l-oggetti bid-dettalji taghhom, meta gie mirghun jigifieri migjub id-deheb il-Monti, fid-date of pawning ikun '*Dahal gie bih il-persuna, it-tieni wahda hija n-number li ntuh li jikkorrespondi mas-sena, l-ewwel zewg numri*'. Mistoqsi '*Jigifieri intom meta jigi biex jiddepozita d-deheb, ittuh ticket u jkollu number*' wiegeb '*Iva u jkollna kopja tieghu wkoll ahna hemm*'. Mistoqsi '*u dak in-numru jikkorrespondi allura man-numru tat-ticket li kellu, it-tielet wahda*' wiegeb '*Dak huwa ktieb tat-ticket li qeghdin migburin xi mija mija jew elf elf minghalija elf elf*'. Xehed li '*L-ammont misluf, il-persuna li giet bid-deheb, u r-rimarka, ovvjament bil-fors unredeemed dawn ghax kieku sibna li huma redeemed ovvjament mhux ha ssibu d-deheb, bilfors li jkunu unredeemed la mhux qeghdin hemmhekk.*' Mistoqsi '*Issa jirrizulta li hawn hafna ta' certu persuna Rose Mifsud, ID 635642(M) jirrizulta li hawn hafna ta' din il-persuna, tista' tghidilna min laqa' ghandu dan id-deheb u x'gara minn dan id-deheb?*' wiegeb '*Sewwa, dak gie specifikat fit-tieni rapport ezatt min ircevihom.*' It-tieni rapport gie esebit bhala dokument SA. Xehed li '*Fit-tieni rapport imbaghad hemm riflessjoni ta' dokument E jissejjah E1 biex ikun jaqbel ma' E, hemm miktub jigifieri min ircevihom dawn l-oggetti.*' F'dokument E1 '*hemm spjegat min ircevihom dawn, min kien il-persuna, hawn ghandek wahda wahda tikkorrespondi*'. Mistoqsi min kien il-persuna fl-ufficini tal-Monte di Pieta' li laqghu ghandu wiegeb li '*Wahda biss minnhom kienet certu Frank Agius, l-ohrajn Mr Joseph Mifsud*'. Huwa indika l-imputat. Mistoqsi '*Issa inti kellimtu lis-Sur Mifsud, qatt per ezempju xi darba staqsejtu isma' Sur Mifsud, ifhem hawnhekk hawn li dahal dan id-deheb u dan mhux hawn*' wiegeb '*Ma*

---

[3] Intitolat 'Report by Internal Board Investigating the Security on Capital Advanced by the Monte, Inland Revenue Department'

[4] Din il-Qorti izda qieghda tifhem li dan ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal Dok. JM.

*stajniex ghax dan instab wara li gie sospiz'*. Jghid li ghamlu kopja tat-tickets li huma parti minn Dokument E.

Fir-rapport datat is- 26 ta' Ottubru, 2006 immarkat bhala DOK SA[5] esebiet minn Louis Sant' Angelo fis-seduta tat- 12 ta' April, 2007 u li jinsab a fol 176 et sequitur tnizzel li:

*'Doc "E1" consisting of a list of unredeemed pawns with precious articles missing as on 25th May, 2001. This document conveys the same information as Doc. "E" in the original report but also includes the name of the appraiser who originally received the untraced pawns into the custody of the Monte. Included as part of Doc. "E1" are also true copies of the relative counterfoil impressions of the pawn tickets issued to the pawner when the pawns were deposited. The counterfoil copies show the signature of the appraiser concerned thereby identifying the said appraiser.*

*For the sake of clarity, it is to be recalled that when a pawn is received at the Monte' the relative details are entered in the pawn ticket counterfoil the top copy of which constitutes the pawning ticket. This top copy is detached from the counterfoil book records. True photocopies of these counterfoil copies are presented as part of Doc. "EI" for the aforementioned missing pawns...'*

Minn fol 194 u 195 jirrizulta li 9 mill-pledgers kienu Rose Mifsud, filwaqt li ohrajn kienu f'ismijiet ohra. Jirrizulta li fejn il-pledger kienet Rose Mifsud, tnizzel li l-appraiser kien J. Mifsud.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghar-rapport immarkat bhala Dok JM datat il-11 ta' Ottubru 2001 a fol 39 et sequitur fejn giet spjegata l-procedura fi hdan il-Monti di Pieta'. Dan ir-rapport gie konfermat minn Louis Sant Angelo fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007 stante li huwa wiehed minn tlett (3) persuni li hejjew dan ir-rapport. F'dan ir-rapport tnizzel li '*In the system adopted the pawner initially approaches the Monte appraiser who takes over the precious metal/stones, appraises it, and authorises the cashier to issue a pawning ticket together with the calculated capital advance. A counterfoil copy of the pawning ticket is kept at*

[5] Intitolat 'Second Report by Internal Board Investigating the Security on Capital advanced by the Monte, Inland Revenue Division'

*the Monte. Any bearer of the original pawning ticket can thereafter redeem the security held at the Monte by surrendering this ticket to the cashier and effecting payment of capital and interest. The cashier then returns the redeemed pawn ticket to the Monte who proceeds to return the precious metal security to the redeemer and to affix the redeemed pawn ticket on top of the counterfoil copy. In view of this system, an examination of the counterfoil booklet will reveal which pawns have been redeemed and which have not, as the pawn copies without a super imposed original on top must be unredeemed whilst those copies accompanied by the original affixed on top must be redeemed. It is of course assumed that all the redeemed and only redeemed tickets have in fact been affixed in the pawn ticket counterfoil book.*'

Tnizzel ukoll li '*one possible independent means of counterchecking the identity of the redeemed and unredeemed pawns, namely the cash register, is unavailable due to the following two principal reasons:-*

*1. Incomplete cash records due to the loss of a cash register covering to the period 28th April, 1993 to 26th December, 1993*

*2. Inadequate cash book entries. All pawn ticket numbers consists of six (6) digits, the first two of which refer to the year of pawning. It is regretted that a consisderable number of cash entries only carried the last four (4) digits with the result that the pawn under redemption is impossible to identify with any degree of certainty from cash records.*'

F''DOCUMENT "E"' fir-rapport JM tnizzlet lista ta' 'UNREDEEMED PAWN TICKETS- (PRECIOUS ARTICLES MISSING) fejn tnizzlu is-segwenti dettalji: Id-data tal-pawning, in-numru ta' unredeemed ticket, in-numru tal-ktieb u cioe' '*BOOK NO.*', '*Capital Advanced Lm*', l-isem tal-pledger u rimarki fejn tnizzel '*P.B. still unredeemed*'. L-ismijiet tal-pledgers ta' dawn il-biljetti huma 'George Attard' fejn tnizzel 'name not clear', biljett bla isem peress li mhux car, tnejn f'isem 'Giovanna Ciantar', iehor f'isem 'Marianne Frendo', iehor f'isem 'Emanuel Sultana' u ohra f'isem 'Carmen Bonnici'. Il-kumplament u cioe' disgha (9) huma f'isem 'Rose Mifsud'. Filwaqt li f'Dok SA senjatament a fol 194 fid-'DOCUMENT 'E1'' tnizzel ukoll l-isem tal-appraiser fejn jirrizulta li hemm l-isem J.

Mifsud ghal kull biljett mahrug f'isem Rose Mifsud dwar deheb u oggetti prezzjuzi li ma nstabx.

**Louis Santangelo** fit- 2 ta' Settembru, 2008 ghalkemm mhuwiex espert kalligrafu, gie muri fol 178 sa 193 cioe' l-pawning tickets dwar d-deheb ma nstabx fil-Monti di Pieta' sabiex jikkonferma jekk l-firma hijiex tas-Sur Mifsud u xehed li dwar fol 182 mhux tieghu. Jirrizulta li dan il-biljett jghajjat lil Marianne Frendo filwaqt li dwar fol 191 u cioe' li tghajjat lil 'Rose Mifsud w/o Joseph' qal li ghandu id-dubju jekk hix il-firma jew inizzjali huma tas-Sur Mifsud. Il-bqija tas-Sur Mifsud. Spjega li '*qatt ma kont nahdem il-Monti di Pieta' essagg. Jiena in charge tas-section, mhux nahdem fiha propja jigifieri. Pero' gie li meta kien ... gie li rriplejsjajnieh meta kien ikun ma jiflahx jigifieri wkoll.*' Jghid li '*jekk tghodd is-sick leave ukoll hux, forsi jigu hamsin (50) u mbaghad division by three (3) u possibilitament ghoxrin (20) darba f'sena rriplejsjajtu.*' Mistoqsi '*Mela mhux ghoxrin (20) darba fis-sena, inqas*' wiegeb '*Le, ghax jekk ghandek xi twenty six (26) days leave u forsi ghandek fifteen (15) days ... forsi daqsxejn inqas. Jista' jkun.*'

Fis-seduta tal- 4 ta' Novembru 2008 gie vverbalizzat li:

'*Ill-Qorti tahtar lil Martin Bajada sabix jaghmel ezami kaligrafiku fuq poning tickets minn fol 620 sa fol 622 b' mod partikulari dawk bin-numru 845601, 863911, 846675*[6] *u 840984 mal-firem f' dok IP cioe ta' Joseph Mifsud, Noel Bartolo u M'Concetta Spiteri*'. Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) '*Il-Qorti qed tikkonsenja Dok MMB1 sa Dok MMB19 lil Martin Bajada biex jesplenta l- inkarigu tieghu.*'

**Martin Bajada** fit-8 ta' Marzu, 2010 prezenta r-rapport immarkat bhala Dok. MB li jinsab a fol 773 et sequitur. F'dan ir-rapport gie konkluz li '*mill-analisi komparattiv bejn il-firma ta' Joseph Mifsud (Dok CB3) mal-firma li tinsab fejn il-kliem (Appraiser) u (Keeper) fuq Dok MMB1 sa MMB10 u DOK CBZ1, DOK CBZ2 u DOK CBZ3, dawn il-firem saru mill-imputat Joseph Mifsud*'. <u>Jirrizulta izda li dak ezaminat minn Martin Bajada ma</u>

[6] Din il-Qorti tinnota li l-biljett bin-numru 846675 mhuwiex parti minn fol 620 sa 622 izda jirrizulta biljett bin-numru 843375.

jirrigwardax l-pawning tickets mahrugin f'isem Rose Mifsud u cioe' l-biljetti li gie allegat li d-deheb u oggetti prezzjuzi li jikkorispondi ma dawn il-biljetti ma nstabx fil-Monte di Pieta'. Dan l-espert lanqas ma gie mitlub sabiex jezamina l-pawning tickets elevati mir-residenza tal-appellant esebiti bhala CB.

**Louis St. Angelo** xehed ukoll fil- 25 ta' Ottubru 2010 fejn mistoqsi dwar responsabbilita' ghal access ghall-oggetti spjega li cwievet tal-istrong room hemm tlieta (3) maqsumin bejn min hu in charge, bejn il-Konslujiet, bejn tliet (3) persuni. Hu bhala head of section kien ikollu c-cavetta u wahda ghand kull konslu. Minghajr ic-cavetta tieghu, il-Konslu ma jistghux jidhlu, ic-cwievet iridu jkunu prezenti t-tlieta (3) biex jidhlu.

Is-**Supt. Carmelo Bartolo** fis-seduta tas- 7 ta' April, 2010 in kontro-ezami xehed li '*Ma rridux ninsewhom ukoll l-ammont ta' deheb li ghanda esebit li kien gie elevat minn ghand is-Sur Mifsud mir-residenza tieghu, deheb li suppost kien go l-Monte di Pieta mentri fil-fatt kien ghand il-mara tieghu. Jigifieri deheb li kien hemm advanced li nhargu l-flus mill-Monte di Pieta fuqu, suppost allura ghal dawk il-flus insib id-deheb go l-Monte di Pieta fil-fatt id-deheb li gie elevat u prezentat kien ghand is-Sur Mifsud. Jigifieri dan ma rridux ninsewh ukoll u l-poning tickets ovvjament kienu gew elevati u kienu gewipprezentati f'dan il-kaz. Ma rridx il-Qorti tizgwida ruha illi donnu hawn hekk qed nitkelmu fuq over advancing biss le. . . . .*'

Fit- 28 ta' Mejju 2010 is-Supritendent Carmelo Bartolo mistoqsi '*Ara Sur Bartolo l-kontro ezami illi kien sarlek fis-seduta precidenti konna tkellimna kwazi fuq kollox hlief fuq il-kwistjoni ta' dawk id-dehebijiet li jammontaw ghal l-ammont cirka sitt elef (6,000) Maltin illi kontu sibtu ghand is-sur Mifusd, jigifieri fuq dik illi ha nistaqsik.*' Wiegeb '*Sewwa.*' Ghal mistoqsija '*Mela dawn id-dehebijiet illi intom kontu sibtu ghand is-sur Mifsud fl-investigazzjoni tieghek kont ivverifikajt biex tara jekk kienx hemm pawning tickets ekwivalenti ghalihom?*' wiegeb '*Esebiti.*' Mistoqsi '*Jigifieri qeghdin naqblu illi dawk id-dehebijiet illi kien hemm ghand is-sur Mifsud kien hemm pawning tickets taghhom.*' wiegeb '*Dawk ir-raguni li gew elevati bazikament kienet illi sibna dan id-deheb u sibna dawn il-pawning tickets. Peress illi l-pawning ticket allura kien jikkorrispondi ma dak id-deheb suppost kelli nsibu go l-Monte di Pieta u mhux go d-dar tieghu.*'

Mistoqsi '*Pero' li rrid inkun naf jiena dawn il-pawning tickets sibthom mal-pawning tickets l-ohrajn kollha sewwa?*' wiegeb '*Le dawn sibthom ghand is-sur Mifsud ghax il-pawning tickets sibthom ghand haddiehor ghand in-nies illi kienu rahnu d-deheb u - deheb baqa hemm gew, mela dawk in-nies li telghu jixhdu kellhom il-pawning tickets id-dar ovjament ghaliex bihom dawk jistghu jirtiriaw id-deheb. Issa d-deheb tas-sur Mifsud ma kienx gol-Monti di Pieta kif allura kellu jkun skond il-pawning ticket.*' Mistoqsi fejn kienu l-pawning tickets, wiegeb '*Ghand is-sur Mifsud.*' Mistoqsi '*Issa u l-Monte di Pieta pero' il-counter foil, jigifieri dik il-parti tal-pawning ticket illi tibqa ghand il-Monte di Pieta bhala record lil min inhareg il-pawning ticket allura dawn il-counterfoil ta' dawn id-deheb ta' sitt elef (6,000) fil-fatt sibtuhom fil-Monte di Pieta wkoll.*' Xehed '*Fil-fatt qeghdin illistjati f'dak il-booklet illi esebejt.*' Mistoqsi '*Jigifieri l-anomalija fuq dan id-deheb li jammontaw ghal sitt elef (6,000) kienet illi fil-waqt illi lis-sur Mifsud sibtulu l-pawning ticket u l-counterfoil sibtuh kif suppost il-Monte di Pieta d-deheb kien qieghed ghandu.*' Wiegeb '*Kien qieghed ghandu.*' Mistoqsi '*Issa meta inti allura ghamilt din l-investigazzjoni rrizultalek jekk is-sur Mifsud matul is-snin kienx qatt rahan id-deheb tieghu stess, apparti dawn is-sitt elef (6,000)? Jekk irrizultalekx?*' wiegeb '*Le dawn irrizultaw, dan ha nghid hekk il-lump ta' deheb.*'

Mistoqsi '*Jigifieri int qed tghidilna illi mill-investigazzjoni illi ghamilt lilek irrizultalek illi s-sur Mifsud fiz-zmien kollu illi hu ghamel jahdem il-Monte di Pieta l-uniku deheb illi hu kien qatt rahan kien dawn is-sitt elef (6,000)?*' wiegeb '*Dawn irrizultawlna.*' Mistoqsi '*Issa jekk nghidlek illi fir-records tal-Monte di Pieta fil-verita jirrizulta illi nkluz dawn is-sitt elef (6,000) b'kollox matul is-snin is-sur Mifsud kien rahan tlettax-il elf worth of gold u matul dan iz-zmien dak kien dejjem rega hallas lura lil-Monte di Pieta u l-uniku deheb kienu dawn is-sitt elef (6,000)?*' wiegeb '*Ifhem ahna ma gibdulniex l-attenzjoni fuq xi deheb illi forsi kien gie mhurun u mifdi kif suppost dak ma kienx il-mertu ta' l-investigazzjoni.*' Mistoqsi '*Pero' minhabba li s-sur Mifsud kien wiehed mis-suspettati li kellek ma vverifikajtiex din biex tara x'gara mid-deheb li kien hemm qabel?*' wiegeb '*Imma s-sur Mifsud lanqas kwazi kienu gibdulna l-attenzjoni huma li kien ghamel din il-bicca xoghol, jigifieri li kellu d-deheb id-dar u l-pawning ticket ghandu rrizulta waqt it-tfittxija li ghamilna go dar. Ahna kelna suspett meta sibna kwantita ta' deheb u sibna l-pawning tickets ukoll.*' Il-pawning tickets kienu '*Tieghu*'. Mistoqsi '*Tieghu*

*kollha, ma kienx hemm pawning tickets ta' xi hadd iehor?'* wiegeb '*Tieghu, jigifieri d-deheb mirhun mela suppost qieghed hemm u qieghed id-dar. Issa mbaghad huma meta kienu lestew dik il-lista li jiena esibejt, kont sibthom il-lista ta' dak id-deheb li kont skoprejt jiena, ghax dik imbaghad il-lista kienu taghawieli wara u kienu mnizlin dak id-deheb li kont sibt id-dar tieghu against il-pawning tickets. Imma dan ma stajniex naghmlu history, kien impossibli li tghamel history fuq kollox, fuq kullhadd trid tmur lura iktar minn ghoxrin (20) sena, impossibli tant kien hemm nies.*'

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat Joseph Mifsud permezz tal-imputazzjonijiet bl-ittri 'e)' sa 'i)' gie akkuzat bi r-reati ta' storn, b'approprijazzjoni in debita, qliegh ta' aktar minn elf lira b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, meta Ufficjal pubbliku jesigi flus kontra l-ligi u bir-reat tal-korruzzjoni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet permezz tas-sentenza datata l-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) iddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuzi kollha migjuba kontra Joseph Mifsud hlief fil-konfront ta' dawk li jikkoncernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tieghu. Sussegwentement il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza appellata u cioe' dik datata l- 14 ta' Jannar 19 qieset il-provi rigwardanti d-deheb u l-biljetti li nstabu ghand l-appellat u illiberatu. L-appell tal-Avukat Generali huwa bbazat fuq is-sejba tad-deheb u biljetti ossia pawning tickets fir-residenza tal-appellat u ghalhekk nonostante l-fatt li l-Avukat Generali iddikjara fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti tas- 6 ta' Frar 2020 li l-appell jitratta limitatament l-imputazzjonijiet 'e' sa 'i', dawn naturalment ghandhom jigu meqjusa fl-ambitu ta' dak li jiprovdi l-appell fl-aggravji tieghu. Fil-parti dedikata ghal fatti fir-rikors tal-appell tnizzel ukoll li '*dan l-appell jitratta l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta'* ***Joseph Mifsud*** *waħdu fil-vesti tiegħu ta' Keeper and Appraiser of Pledges fil-Monte di Pieta' u kwindi l-imputazzjonijiet minn (e) sa (i) li jirrigwardaw l-oġġetti tad-deheb li suppost ġew mirgħuna gewwa l-Monte di Pieta u pawning tickets rispettivi li kollha kemm huma skont il-prosekuzzjoni nstabu fir-residenza tal-appellat dan wara tfittxija li kienet saret mill-pulizija fid-29 ta' Mejju*

*2001 bħala parti mill-investigazzjoni li kienet għaddejja flimkien mal-uffiċjali tal-Monte di Pieta fuq l-allegata attivita' ta' korruzzoni u frodi ġewwa l-imsemmija entita'.'* Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji mressqa u ghalhekk fejn l-aggravji ma jikkoncernawx uhud mill-imputazzjonijiet, din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra dawn l-imputazzjonijiet.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat b'referenza ghal lista E1 formanti parti mir-rapport Dok SA li rrizulta li ghajr ghal okkazjoni wahda, l-ufficjal li rcieva l-oggetti b'rahan kien l-imputat. Il-Qorti qieset li f'dik l-okkazzjoni l-isem tal-pawner fuq it-ticket bin-numru 905933 hu dak ta' '*Rose Mifsud w/o Joseph*' izda fil-kumplament l-isem indikat fuq it-tickets hu ta' '*Rose Mifsud w/o Gino*'. Ghamlet referenza ghal Dok JM fejn hemm lista bhala Document E ta' deheb li nstab nieqes mill-vault tal-Monte di Pieta' u li lanqas ma nstabu il-pawning tickets relattivi. Qieset li fil-listi esebiti, E u E1 jirrizultaw 11 il-unredeemed tickets li jirrigwardaw oggetti ta' valur li gew pledged minn certu Rose Mifsud detentrici tal-karta tal-identita' 635642M. Qieset li din il-lista giet konfermata mix-xhud Sant' Angelo li spjega li kien hemm oggetti li ma nstabux u li l-ufficjal responsabbli kien Joseph Mifsud. Din il-Qorti qabel ma tkompli tqis il-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Qorti fis-sentenza appellata, tirrileva li fil-listi f'DOCUMENT E f'Dok JM u fil-lista F'DOCUMENT E1 f'Dok SA jirrizultaw disgha (9) mhux hdax (11)-il unredeemed ticket f'isem Rose Mifsud filwaqt li ohrajn huma f'ismijiet ohra. Minn naha l-ohra jirrizulta li f'Dok CB gew prezentati hdax (11) il-biljett elevat mir-residenza tal-appellat, liema biljetti huma f'isem 'Rose Mifsud w/o Gino' u wahda 'Rose Mifsud w/o Joseph'.

Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li ma sar l-ebda sforz sabiex Rose Mifsud tigi identifikata. Qieset li l-advances in kwantu l- 11 it-ticket esebiti jirrrizulta biss l-ammont ta' LM2,150 u mhux LM6,000, ghalhekk staqsiet il-kumplament tad-deheb lil min jappartjeni. Fl-istess sentenza gie meqjus li ma giex ippruvat li Rose Mifsud hija mart l-imputat, li fuq il-counterfoils tal-pawning tickets hemm indikat indirizz partikolari li ma huwiex l-istess bhal dak indikat fl-akkuza. Ghalhekk qieset li l-fatt wahdu li fir-

residenza tal-imputat instab ghadd ta' deheb flimkien ma numru ta' pawning tickets mahruga fuq terza persuna, meta dak id-deheb ma gie determinat bl-ebda mod li jikkorispondi ghal xi wiehed jew aktar mill-pawning tickets misjuba u li ma giex pruvat li Rose Mifsud hi mart l-imputat jew x'konnessjoni kellu maghha l-imputat, ma jista' qatt iwassal ghal sejbien ta' htija tieghu.

Dwar il-prova tad-deheb li instab ghand l-imputat, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li Dok CB li nghata exhibit no. KB/213/2006 kien deskritt semplicement bhala '*Kaxxa ssiggilata kontenenti oggetti tad-deheb*'. Li minbarra l-oggetti tad-deheb u fidda u hagar prezzjuz KB/213/2006 jinkludi wkoll 11-il pawning ticket mahruga fuq Rose Mifsud. Il-Qorti qieset li hemm mankanza assoluta li tiddetermina liema huma l-oggetti ta' valur mid-deheb u oggetti ohra esebiti li dwarhom inhargu l-11 il-pawning ticket. Qieset li la sar elenku u wisq anqas ma saret valutazzjoni minn esperti fil-qasam tal-oggetti esebiti li b'xi mod tista twassal lil Qorti tiddetermina ghal liema deheb/oggett ta' valur qed jirreferu l-pawning tickets. Qieset li ma giet esebita l-ebda ricevuta jew seizure note dwar dawn l-oggetti. Li l-pawning tickets ma jsemmux handbag b'portmoni tal-fidda ghalkemm fl-esebit KB/213/2006, hemm esebit handbag kif ukoll portmoni tal-fidda. Dan jindika li gew elevati aktar oggetti minn dak li jirreferu ghalih il-pawning tickets. Ikkunsidrat ukoll li l-pawning tickets mhux mahruga f'isem l-imputat izda fuq Rose Mifsud.

Ikkunsidrat;

Illi dwar id-deheb li instab ghand l-imputat, fil-verbal tas-seduta tat- 13 ta' Lulju 2006 tnizzel li '*Xehed Spettur Carmelo Bartolo li ezebixxa ezebit CB li jikkonsisti f'envelope issigillat kontenenti oggetti tad-deheb indeterminati, proprjeta ta' Joseph Mifsud flimkien ma pawning tickets, stqarrijiet mmarkati bhala dok CB1, CB2, u CB3, CB4 u CB5 flimkien ma sett ta' dsatax-il ticket mmarkati bhala MMB1 sa MMB19 u rapport mmarkat bhala dok JM.*' L-Spt Carmelo Bartolo fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) xehed dwar deheb li eleva flimkien ma pawning tickets, li d-deheb li suppost kien qieghed fil-Monte di

Pieta' kien qieghed ghandu, kien ha madwar LM6000. Il-Qorti f'din ix-xhieda kkummentat li '*Qed jigi esebit bhala esebit CB, envelope ssigillat b'oggetti tad-deheb indeterminati, li ghadhom kemm gew mghoddija mill-Ufficjal Prosekutur, liema oggetti tad-deheb huma proprjeta' ta' Joseph Mifsud li gew mghoddija b'rahan fil-Monte di Pieta' li pero' nstabu fil-pussess tieghu*'. L-Ispettur xehed li '*Dak f'dak il-pakkett hemm ukoll Sinjura l-pawning tickets li permezz tat-tickets ovvjament irtira l-flus mill-ufficju ha nghid hekk, qeghdin issigillati hemm gew ukoll*'. Cioe' bhala l-esebit CB. Xehed li '*Ghax la tkellimna fuq deheb hemm it-tickets ukoll hemm gew ukoll li jirrigwardjaw lilhom, nista' nikkonferma jien jigifieri*.' Ghalhekk dak li jirrizulta ppruvat huwa li kemm pawning tickets u anke oggetti tad-deheb gew elevati mir-residenza tal-imputat, biss pero' ma gietx prezentata seizure note f'dan ir-rigward. Din il-Qorti tinnota li fix-xhieda ta' Peter Cini datata l-4 ta' Novembru tas-sena 2008 spjega li fis-sena 2001 kien stazzjonat is-CID membru tal-Korp u spicca f'Ottubru 2001. F'Mejju tas-sena 2001 kien stazzjonat mas-Sur Bartolo meta kien Spettur ghand is-CID. Huwa ma gharafx l-imputati u mistoqsi dwar tfittxija go dar fejn kien gabar deheb u pawning tickets u filwaqt li anke gie muri Dok. CB xehed li ma ghadux idea, li ghamel hafna searches u ma jridx ihallat kaz ma' iehor. Gie muri '*borza mimlija kaxex zghar b'oggetti tad-deheb, illi huma kollha ezebiti go kaxxa, bhala l-ezebit Dok. CB*' izda qal li ma jistax jassocjahom ma' kaz. Mistoqsi jistax jassocjahom mal-investigazzjoni li ghamlu mal-Monte di Pieta' wiegeb li ma jiftakarx.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kopji tal-biljetti li jinsabu a fol 178 et sequitur immarkati bhala Doc E1, senjatament minn fol 183 sa fol 191 kif ukoll ghal biljetti li jinsabu esebiti bhala CB u sabiex tqis id-deskrizzjoni fuq kull biljett mahrug f'isem Rose Mifsud rigwardanti deheb li ma nstabx fil-Monte di Pieta':

1. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' li kopja tinsab a fol 183 bin-numru 887449- Bhala deskrizzjoni tnizzel '*Gold pendant (Coin)*' u bhala piz tnizzel 16.50 gramma. Il-valur indikat huwa LM250;

2. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' li kopja tinsab a fol 184 bin-numru 887545- Bhala deskrizzjoni tnizzel '*Gold pendant (Coin) and silver pendant (Coin*)' u bhala piz tnizzel 15 gramma. Il-valur indikat huwa LM250;

3. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/ Gino' li kopja tinsab a fol 185 bin-numru 888201- Bhala deskrizzjoni tnizzel '*Gold & Silver ring with diamond gold...* (kliem ma jinftehimx car) *two sleeve-link.* IL-piz huwa indikat bhala 29.70 gramma. Il-valur indikat huwa LM250;

4. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' li kopja tinsab a fol 186 bin-numru 890935- Id-deskrizzjoni f'dan il-biljett hija '*Gold pendant chain with* '...' (kelma ma tinftehimx car) '*three bracelets, chain, necklace and medal*'. Il-piz indikat huwa ta' 52.90 gramma. Il-valur indikat huwa LM80;

5. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' li jinsab a fol 187 bin-numru 891725- Id-diskrezzjoni f'dan il-biljett hija '*Gold and silver brooch with diamonds*'. Il-piz indikat huwa ta' 25.20 gramma. Il-valur indikat huwa LM120;

6. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino'' li kopja tinsab a fol 188 bin-numru 901628- Id-deskrizzjoni f'dan il-biljett hija '*Gold ring with diamonds*'. Il-piz indikat huwa ta' 5.60 gramma. Il-valur indikat huwa LM250;

7. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w ...'(kelma mhux daqstant tinftiehem) li kopja tinsab a fol 189 bin-numru 905843- Id-deskrizzjoni f'dan il-biljett hija '*Gold ring w diamonds*'. Il-piz huwa ta' 5.60. Il-valur indikat huwa LM250;

8. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' li kopja tinsab a fol 190 bin-numru 905859- Id-deskrizzjoni f'dan il-biljett hija '*Gold pendant chain with stones three bracelets ..* (kelma ma tinftehimx) *pendant two earrings and two silver earrings*' Il-piz indikat jaqra' 75.80 grammi. Il-valur indikat huwa LM130;

9. Il-biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Joseph' li kopja tinsab a fol 191 bin-numru 905933- Bhala deskrizzjoni tnizzel '*gold pendant with stone ...* (kliem ma jinftehimx) *brooch*

*two sleeve links pendant (coin) and wrist watch*'. Il-piz indikat huwa ta' 53.20. Il-valur indikat huwa LM200.

Il-kumplament tal-biljetti f'DOK SA huma indirizzati lil persuni ohra, b'uhud minnhom l-isem ma huwiex car.

B'zieda mal-biljetti li saret referenza ghalihom, jirrizulta li fid-dokument CB u cioe' li jirreferi ghall-oggetti ta' deheb u oggetti prezzjuzi u biljetti elevati minghand l-appellat, apparti dawk il-biljetti hawn fuq indikati, gew esebiti ukoll:

10. Biljett indirizzat lil 'Rose Misud w/o Gino' bin-numru 905898- Bhala deskrizzjoni tnizzlet 'Gold and silver broach with diamonds' b'piz ta' 15.60 gramma. Il-valur indikat huwa LM250;

11. Biljett indirizzat lil 'Rose Mifsud w/o Gino' bin-numru 905860- Bhala deskrizzjoni tnizzel 'Gold and silver brooch with diamonds' u bhala piz tnizzel 25.20 grammi. Il-valur indikat huwa LM120.

L-ammont totali tal-valur indikat fuq dawn il-hdax (11) -il biljett huwa dak ta' **LM2150**.

Jirrizulta li ghalkemm l-oggetti li instabu ghand l-appellat gew esebiti in atti, ma giex appuntat espert mill-Qorti sabiex jigi kkonfermat li l-oggetti li gew esebiti jikkorispondu mal-pawning tickets esebiti u misjuba ghand l-appellat.

L-argument tal-Prosekuzzjoni kien li l-biljetti kif ukoll id-deheb u oggetti prezzjuzi li nghatghu b'rahan ma setghux ikunu ghand l-appellat kontestwalment u dan stante li waqt li l-persuna ikollha l-biljett fil-pussess taghha, id-deheb u oggetti prezzjuzi jinzammu l-Monte di Pieta', filwaqt li fil-mument li l-biljett jigi ritornat lura u jsir il-hlas tal-flus mislufa fuq dak id-deheb lil Monte di Pieta', id-deheb u oggetti prezzjuzi li jkunu nghatghu b'rahan jinghata lura. Fl-atti gew prezentati kemm id-deheb kif ukoll il-

biljetti. Fir-rapport immarkat bhala Dok JM maghmul minn Senior Consul Louis Sant'Angelo, Margaret Galea u Tanya Falzon Bugeja[7] fost rizultanzi ohra tnizzel li:

'*(ii) The precious metal/stones security of a number of unredeemed pawns could not be traced. The relative list of these untraced pawns is submitted as Doc "E" which also includes the names of the pawners concerned. The total value of the Capital Advances on these pledges amounts to LM 1,864. It must be noted that the Monte is bound to deliver the precious metals/stones security to the bearer of the relative pawn ticket provided payment of the Capital Advanced and Interes thereon is effected.*'

Il-lista li tinsab f'Document E ma fihiex deskrizzjoni ta' x'inhuma l-oggetti li jikkorispondu ma kull pawning ticket. Dan id-dokument jipprovdi d-data tal-pawning, in-numru tal-biljett, in-numru tal-ktieb, il-flus avvanzati, l-isem tal-pledger u kolonna b'rimarki u cioe' fejn tnizzel '*P.B. still unredeemed*'. Ghalhekk din il-lista ma hijiex bizzejjed biex ticcertifika li d-deheb li instab ghand l-appellat kien l-istess deheb li nghata b'rahan li ghalhekk jikorrispondi mal-biljetti in kwistjoni. Din il-prova hija mankanti. In oltre' kif gia ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza jirrizulta li filwaqt li f'Document E hemm referenza ghal 9 biljetti f'isem Rose Mifsud, jirrizulta li kien hemm 11-il biljett esebit f'Dok CB u cioe' elevat minghand l-appellat.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li kemm il-pawning tickets u anke d-deheb instab ghand l-appellat u minkejja li fit- 28 ta' Mejju 2010 is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed li '*Dawk ir-raguni li gew elevati bazikament kienet illi sibna dan id-deheb u sibna dawn il-pawning tickets. Peress illi l-pawning ticket allura kien jikkorrispondi ma dak id-deheb suppost kelli nsibu go l-Monte di Pieta u mhux go d-dar tieghu*' ma tressqitx prova sufficenti minghajr dubju dettat mir-raguni li d-deheb u l-oggetti elevati kien filfatt l-istess deheb u oggetti li kienu suppost jinsabu il-Monte di Pieta' u cioe' li jikorrispondi mal-biljetti li ukoll instabu ghand l-appellat. Nonostante l-fatt li l-Qorti qieset li gie

[7] Louis Sant'Angelo xehed diversi drabi f'dawn il-proceduri izda Margaret Galea u Tanya Falzon Bugeja ma xehdux.

elevat hafna aktar deheb minn dak li fuqu saru cash advancements fil-Monte di Pieta' u ghalhekk ma setghetx tordna l-konfiska taghhom, dan ma jfissirx li kif qieghed jghid l-Avukat Generali li din hija konferma li *se mai* parti mill-oggetti prezzjuzi prezentati fl-atti kienu jirrapprezentaw dak id-deheb li fuqu saru cash advancements. Kif inghad dan ma giex ippruvat fil-livell tal-prova rikjesta fil-kamp penali. Filfatt il-Qorti fis-sentenza appellata kienet ikkunsidrat li bhala parti mill-esebiti kien hemm handbag u portmoni tal-fidda meta dawn ma jissemmewx fil-biljetti esebiti u li in oltre filwaqt li l-Ufficjal Prosekutur isemmi l-ammont ta' LM6000 izda l-valur totali tal-ammonti indikati fuq il-biljetti elevati minghand l-appellat kien ta' LM2,150. Il-Qorti qieset li ma giex determinat bl-ebda mod li id-deheb kien jikkorispondi ghal xi wiehed jew aktar mill-pawning tickets misjuba. Lanqas ma jassumi relevanza l-fatt li l-Qorti ma kinitx tat ordni li d-deheb u l-oggetti jigi ritornati lill-appellat tant li lanqas ma hemm ordni sabiex dan id-deheb u oggetti ma jigux ritornati.

Mhuwiex bizzejjed li tipprezenta deheb u oggetti ohra u biljetti. Kellu jkun espert mahtur mill-Qorti li per ezempju jiehu il-piz ta' kull oggett u jqabblu mal-piz u deskrizzjoni mnizzla fil-pawning tickets sabiex jigi stabbilit li l-oggetti jikkorispondu mal-pawning tickets esebiti. Din il-prova krucjali baqghet ma tressqitx. Ghalhekk l-appellant Avukat Generali qieghed jassumi li l-oggetti li nstabu ghand l-appellat kienu l-oggetti li nghatghu b'rahan, assunzjoni li ma gietx ippruvata.

Kif gie meqjus, il-biljetti kienu f'isem Rose Mifsud ghalkemm jissemma ukoll certu 'Gino' u 'Joseph' fl-istess biljett f'isem Rose Mifsud. Gew esebiti biljetti f'ismijiet ohra fosthom George Attard, Giovanna Ciantar, Marianne Frendo, Emanuel Sultana u Carmen Bonnici. Ma tressqitx prova sufficenti li d-deheb in kwistjoni jikorrispondi ma' dawn il-pawning tickets bhal kif lanqas ma gie stabbilit x'kienet il-konnessjoni bejn Rose Mifsud u l-imputat u ghalhekk il-fatt li l-biljetti ta' Rose Mifsud instabu fil-pussess tal-appellat ma jassumiex relevanza. Dwar is-sottomissjoni li l-ufficjal responsabbli ghal hrug tal-pawning tickets f'isem Rose Mifsud kien l-imputat, tajjeb li jigi sottolineat li l-espert Martin Bajada ghal fini tar-rapport tieghu immarkat bhala Dok MB lanqas gie

mitlub u ghalhekk lanqas ezamina l-pawning tickets li jinsabu f'Dok CB elevati mir-residenza tal-appellat sabiex jigi pruvat li l-firma kienet filfatt tal-appellat. Stante li din il-kwistjoni dwar il-firem tal-appellat fuq il-pawning tickets in kwistjoni ma kinitx ir-raguni li abbazi taghha l-Qorti lliberat lill-appellat tant li b'referenza ghal lista E1 formanti parti mir-rapport Dok SA, lista' li tirreferi mhux biss ghal pawning tickets mahruga f'isem Rose Mifsud izda ghal persuni ohra u fejn minn din il-lista tnizzel li l-appraiser tal-biljetti indikati f'din il-lista kien J. Mifsud ghajr ghal biljett wiehed mahrug f'isem Marianne Frendo fejn l-appriaser gie indikat bhala F.Agius, qieset li '*ghajr ghall-okazzjoni wahda l-ufficjal li rcieva l-oggetti b'rahan kien l-imputat*', din il-Qorti tqis li jekk anke ghal fini ta' argument biss kien l-imputat li kien l-ufficjal responsabbli ghal pawning tickets in kwistjoni u cioe' l-keeper u l-appraiser, wiehed ma jistax' jiprezumi li kien huwa li hareg id-deheb mill-Monte di Pieta'. Kif gia gie kkunsidrat, ir-relazzjoni bejn id-deheb elevat u l-pawning ticket ma giex stabbilit sal-grad rikjest fil-kamp penali.

Din il-Qorti bhal kif qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tqis l-Prosekuzzjoni strahet fuq il-valur probatorju qawwi tal-ammissjoni tal-imputat fil-kors tal-interrogatorju. Ghalhekk din il-Qorti tifhem li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq certu provi minhabba li strahet fuq l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat u li mal-mument li gew skartati l-istqarrijiet tal-imputat, il-kaz tal-prosekuzzjoni gie pregudikat rreparibilment.

Ikkunsidrat ulterjorament;

L-Avukat Generali fl-appell tieghu ssottometta li l-appellat Joseph Mifsud kellu jinstab hati kemm ta' approprijazzjoni bla jedd kif ukoll ta' qligh b'qerq skont l-akkuzi u li ghamel uzu hazin ta' flejjes ghad-dannu tal-Gvern. Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis dawn l-imputazzjonijiet u cioe' l-imputazzjonijiet 'e)', 'f)' u 'g)'. L-appellat permezz tal-imputazzjoni bl-ittra 'e)' gie akkuzat bir-reat ta' storn filwaqt li fl-imputazzjoni bl-ittra 'f)' gie akkuzat bir-reat ta' approprijazzjoni indebita. L-Avukat Generali isaqsi jekk id-deheb ma jappartjeniex kollu lilu b'referenza ghall-appellat, dan ma jfissirx li kien seraq u/jew approprija minnhom? Gialadarba ma hemmx prova li d-deheb elevat

jikorrispondi mal-pawning tickets in kwistjoni, dawn l-imputazzjonijiet ma jistghu qatt jirrizultaw. Il-fatt li l-pawning tickets u oggetti instabu ghand l-appellat lanqas ma huwa kaz ta' komplicita'. Sabiex ikun hemm komplicita' jehtieg li jigi pruvat li l-appellat kellu involviment fir-reat. Kif gia inghad il-prova li d-deheb u l-oggetti prezjuzi jikkorrispondu mal-pawning tickets li nstabu ghand l-appellat ma gietx pruvata sufficentement.

L-appellat gie akkuzat permezz tal-imputazzjoni bl-ittra 'g)' bi qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. L-Avukat Generali fin-nota li tinsab a fol 784 kien indika l-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kuntest ta' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza, din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta.

L-appellat gie anke akkuzat permezz tal-imputazzjoni bl-ittra 'h)' dwar ufficjal pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi u cioe' taht l-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll akkuzat fl-imputazzjoni bl-ittra 'i)' bir-reat ta' korruzzjoni taht l-artikolu 115(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-atti jirrizulta li kien hemm xhieda u cioe' Margaret Borg fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009)[8] xehdet dwar dak li l-appellat kien ircieva bhala hlas minhabba l-flus zejda li kien jaghtiha fuq l-oggetti li thalli l-Monte di Pieta' u Mary Vidal li xehdet fis-seduta tat- 28 ta' Mejju 2009 dwar li bhala ringrazzjament ghall-ammonti zejda li kien jaghtiha, kienet tohrog mieghu. L-Avukat Generali nonostante l-fatt li talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fejn ma sabitx lil appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha u minflokk issibu hati u tinfliggi piena, ma ressaq l-ebda aggravju dwar l-imputazzjonijiet bl-ittra 'h' u 'i' u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra dawn l-imputazzjonijiet.

Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn il-Qorti ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

[8] Id-data tax-xhieda indikata fuq it-traskrizzjoni hija l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009)

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata datata l- 4 ta' Jannar 2019 fejn illiberat lill-appellat Joseph Mifsud kemm mill-htija kif ukoll mill-piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur